# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 11 ta' Ġunju, 2020**

**Kawża Nru. 4**
**Rik. Nru. 580/09JRM**

Victor u Grazja konjuġi **SPITERI,** u b'degriet tal-10 ta' Ottubru, 2016, l-atti għaddew fil-persuna ta' Giovanna Antida Parrant, Orazio Spiteri u Maria Loreta Spiteri minħabba l-mewt tal-attur Victor Spiteri fil-mori tal-kawża

vs

Carmelo u Katerina konjuġi **ELLUL** u b'degriet tal-20 ta' Novembru, 2013, issejħu fil-kawża Josephine Grima, Anthony Ellul u Rita Żerafa

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors maħluf imressaq fit-12 ta' Ġunju, 2009, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-atturi jitolbu li din il-Qorti (i) ssib li l-imħarrkin ma jgawdu ebda jedd ta' mogħdija minn ġor-raba' mqabbel għand l-atturi jekk mhux fir-raba' muri mberfel bl-ikħal fil-pjanta mehmuża mar-Rikors Maħluf; (ii) tiddetermina, jekk hemm il-ħtieġa, il-passaġġ neċessarju sabiex l-imħarrkin

jgħaddu għar-raba' maħdum minnhom; (iii) tordna lill-imħarrkin sabiex ma jgħaddux mir-raba' mqabbel għand l-atturi jekk mhux bil-mod hekk determinat; (iv) issib li l-imġiba tal-imħarrkin, li jippretendu li jistgħu jgħaddu minn nofs ir-raba' mqabbel għand l-atturi biex jaslu għar-raba' maħdum minnhom, qiegħda tikkawżalhom danni u ħsara; (v) tillikwida d-danni dovuti lill-atturi; u (vi) tordna lill-imħarrkin iħallsu d-danni hekk likwidati. Talbu wkoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta' Ġunju, 2009[1], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-atturi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fil-5 ta' Novembru, 2009, li biha l-imħarrkin laqgħu billi, b'mod preliminari, qalu li l-atti tal-kawża mhumiex sħaħ billi sid ta' l-art (li huwa l-Uffiċju Konġunt) mhux parti fil-kawża; u wkoll li l-azzjoni attriċi waqgħet bil-preskrizzjoni skond l-artikolu 2143 tal-Kodiċi Ċivili; u kif ukoll li l-azzjoni attriċi saret qabel waqtha billi l-atturi qatt ma ressqulhom proposta ta' soluzzjoni bonarja biex jaqblu dwar kif jidħlu fir-raba' rispettiv tagħhom. Fil-mertu, qalu li l-atturi, minkejja sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Rikors Numru 1846/99DS), imblokkaw il-passaġġ bir-riġel u bl-inġenji li l-imħarrkin ilhom igawdu sa minn żmien il-predeċessuri tagħhom. Żiedu jgħidu li huma jgawdu dritt ta' mogħdija fuq l-art imqabbla lill-atturi, b'aċċess għall-bir u dwejra fl-istess raba', liema dritt ġie rikonoxxut mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tal-14 ta' Ottubru, 2005, iżda tali rikonoxximent kellu jitħassar mill-Qorti tal-Appell fuq punt proċedurali. Jiċħdu li kkawżaw danni lill-atturi u jgħidu li, għall-kuntrarju, huma l-imħarrkin li qed iġarrbu danni minħabba l-aġir ta' l-atturi. Itennu li t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tal-1 ta' Diċembru, 2009[2], li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju sabiex tisma' l-provi;

Rat id-degrieti tagħha tal-20 ta' Ġunju, 2012[3], li bih u fuq talba magħmula f'rikors imressaq mill-atturi tas-17 ta' Ottubru, 2011, ordnat li jsir aċċess;

Rat ix-xhieda u d-dokumenti mressqa mill-partijiet quddiem l-Assistent Ġudizzjarju;

Rat il-verbal tal-23 ta' Ottubru, 2012[4], li bih l-Qorti tat lill-partijiet żmien lill-partijiet sabiex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

---

[1] Paġġ. 9 – 10 tal-proċess
[2] Paġ. 51 tal-proċess
[3] Paġ. 574 tal-proċess
[4] Paġ. 581 tal-proċess

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-atturi fid-9 ta' Novembru, 2012[5];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrkin fis-7 ta' Marzu, 2013[6], bi tweġiba għal dik tal-atturi;

Aċċediet fuq il-post mertu tal-kawża fis-16 ta' Mejju, 2013[7];

Rat id-degrieti tagħha tal-20 ta' Novembru, 2013[8], li bih u fuq talba magħmula f'rikors imressaq mill-atturi tal-20 ta' Novembru, 2013[9], ordnat li jissejħu fil-kawża Josephine Grima, Anthony Ellul u Rita Żerafa;

Rat il-verbal tat-12 ta' Marzu, 2014[10], li biha l-imsejħin fil-kawża jiddikjaraw li mhumix ser iressqu tweġiba maħlufa u lanqas ma kien fi ħsiebhom jaħtru rappreżentant legali biex jidher għalihom fil-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-10 ta' Ottubru, 2016[11], li bih u fuq talba magħmula f'rikors imressaq mill-attriċi w uliedha tas-6 ta' Ottubru, 2016[12], ordnat li l-atti tal-kawża jgħaddu mill-persuna ta' Victor Spiteri għal fuq Giovanna Antida Parrant, Orazio Spiteri u Maria Loreta Spiteri;

Rat l-atti tal-kawża u kif ukoll l-inkartament bix-xhieda u d-dokumenti mressqin fil-kawża Numru 1846/99DS bejn l-istess partijiet b'ismijiet inversi;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkonsidrat:***

Illi din hija azzjoni biex il-Qorti tiddeċiedi minn fejn għandha tgħaddi mogħdija qalb ir-raba' ħalli l-imħarrkin jgħaddu minn fuq raba' mqabbel lill-atturi għall-għalqa mqabbla lilhom, u jekk hemmx mogħdija oħra li

[5] Paġġ. 582 sa 595 tal-proċess
[6] Paġġ. 598 sa 604 tal-proċess
[7] Paġġ. 606 – 8 tal-proċess
[8] Paġ. 617 tal-proċess
[9] Paġġ. 615 – 6 tal-proċess
[10] Paġ. 620 tal-proċess
[11] Paġ. 638 tal-proċess
[12] Paġġ. 627 – 8 tal-proċess

l-imħarrkin jistgħu jinqdew minnha li wkoll twassal għal għalqa mqabbla u maħduma minnhom. Aktar tard l-atturi jgħidu li l-imħarrkin jistgħu jinqdew b'mogħdija pubblika oħra u jkun jifdal biss parti żgħira x'jgħaddu minn fuq l-art imqabbla għandhom, u b'hekk iġarrbu anqas ħsara[13];

Illi l-imħarrkin laqgħu għal din l-azzjoni billi, b'mod preliminari, qalu li l-atti tal-kawża mhumiex sħaħ billi sid ta' l-art (li huwa l-Uffiċju Konġunt) mhux parti fil-kawża; u wkoll li l-azzjoni attriċi waqgħet bil-preskrizzjoni skond l-artikolu 2143 tal-Kodiċi Ċivili; u kif ukoll li l-azzjoni attriċi saret qabel waqtha billi l-atturi qatt ma ressqulhom proposta ta' soluzzjoni bonarja biex jaqblu dwar kif jidħlu fir-raba' rispettiv tagħhom. Fil-mertu, qalu li l-atturi, minkejja sentenza mogħtija mill- Qorti tal-Appell (Rikors Numru 1846/99DS), imblokkaw il-passaġġ bir-riġel u bl-inġenji li l-imħarrkin ilhom igawdu sa minn żmien il-predeċessuri tagħhom. Żiedu jgħidu li huma jgawdu dritt ta' mogħdija fuq l-art imqabbla lill-atturi, b'aċċess għall-bir u dwejra fl-istess raba', liema dritt ġie rikonoxxut mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tal-14 ta' Ottubru, 2005, iżda tali rikonoxximent kellu jitħassar mill-Qorti tal-Appell fuq punt proċedurali. Jiċħdu li kkawżaw danni lill-atturi u jgħidu li, għall-kuntrarju, huma l-imħarrkin li qed iġarrbu danni minħabba l-aġir ta' l-atturi. Itennu li t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż;

Illi bħala <u>fatti relevanti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li r-raba' mertu tal-kawża (imsejjaħ "*Tal-Ħamrija*" u tagħmel mil-Legat Antonio Żammit) jinsab fil-limiti taż-Żurrieq fl-inħawi msejħa "*Ta' Farfar*" jew "*Ta' Ħlantun*". Dak ir-raba' jgħajjat lill-Uffiċju Konġunt u jinsab imqabbel għand il-partijiet[14]. Il-parti tar-raba' mqabbel lill-atturi (minn issa 'l hemm imsejħin "Spiteri") ddur madwar iż-żewġ qatgħat raba' mqabbla lill-imħarrkin[15] (minn issa 'l hemm imsejħin "Ellul") b'mod li dik ta' Ellul hija mdawra minn kull naħa bir-raba' mqabbel lil Spiteri għajr għal medda żgħira li tmiss ma' raba' ta' ħaddieħor[16]. Jirriżulta li r-raba' mqabbel lil Ellul għandu tlett fetħiet[17] għal fuq ir-raba' mqabbel lil Spiteri, waħda hija wiesgħa żewġ metri u tmienja u sebgħin ċentimetri (2.78m), waħda wiesgħa żewġ metri u tmenin ċentimentru (2.8m) u l-oħra ta' żewġ metri u sittax-il ċentimentri (2.16m)[18];

Illi Maria Spiteri, tgħid li meta r-raba' kien jinħadem mill-predeċessuri ta' Ellul, dawn kienu jgħaddu minn passaġġ pubbliku li hemm fir-

[13] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet tal-atturi f'paġġ. 587 u 588 tal-proċess
[14] Ara x-xhieda ta' Dr Jean Claude Sapiano f'paġ. 378 tal-proċess. Ara wkoll Dok. "MGS2" f'paġġ. 29 sa 49 tal-proċess u Dokti. "B" sa "LL" f'paġġ. 6 sa 42 tal-atti tal-kawża 1846/99DS
[15] Dok "CS1", f'paġ. 358 tal-proċess
[16] Ara Dokti "S2" f'paġġ. 6 u 329 tal-proċess
[17] Ara tliet ritratti f'paġġ. 482, 484 u 485 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda mogħtija minn Carmelo Ellul f'paġ. 508 minn fejn jirriżulta li l-fetħa l-kbira kien jgħaddi minnha bil-makkinarju l-kbir, filwaqt li ż-żgħira kienu jużawha biex jidħlu l-bhejjem, u llum jużawha biex jidħlu bir-riġel
[18] Ara verbal tal-aċċess f'paġ. 608 tal-proċess

raba' u li minnu kienu jgħaddu wkoll il-bdiewa l-oħra. Meta r-raba' għadda għandu, dan beda jgħaddi kemm bir-riġel u kif ukoll bl-inġenji minn nofs ir-raba' maħdum minn Spiteri biex jasal sar-raba' mqabbel lilu[19];

Illi fil-verżjoni tiegħu Ellul imieri dan kollu u jgħid li ilu għal tal-anqas tnejn u sittin (62) sena jgħaddi minn ġo mogħdija minn fuq ir-raba' maħduma minn Spiteri[20]. Huwa jgħid li din hija l-istess mogħdija li kienet tintuża mill-preċedessuri tiegħu. Il-passaġġ jidher fuq kopji ta' ritratti miġbuda mill-ajru fuq medda ta' bosta snin mill-1967 sal-1988[21]. Bdiewa li fl-imgħoddi kienu jiffrekwentaw dan ir-raba' jew kellhom raba' fil-qrib, xehdu wkoll dwar l-eżistenza u l-użu bla xkiel ta' din il-mogħdija matul is-snin minn Ellul u mill-antenati tiegħu[22];

Illi f'kawża ta' spoll miftuħa minn Ellul kontra Spiteri fis-sena 1999[23], il-Qorti tal-Appell f'sentenza tas-27 ta' Lulju, 2007, sabet li bħala fatt Ellul, u l-awturi tagħhom, kien ilhom jużaw għal żmien twil il-mogħdija li tgħaddi minn fuq ir-raba' mqabbel lil Spiteri. Tul is-snin, kien jeżisti bwon viċinat bejn il-bdiewa u mill-fatti irriżulta li l-mogħdija kienet waħda miżmuma b'iżjed minn sempliċi tolleranza[24];

Illi Spiteri jgħidu li l-mogħdija li Ellul għandhom jinqdew biha biex jidħlu fir-raba' mqabbel lilhom huwa dak immarkat bil-lewn ikħal fuq il-pjanta dokument "MGS4"[25] u li ddur madwar ir-raba' mqabbel lil Spiteri bla ma jkun hemm irfis fl-istess raba' min-naħa ta' Ellul. Jgħidu li dan il-passaġġ huwa wiesa' biżżejjed biex minnu wieħed jista' jgħaddi bl-inġenji[26]. Ellul jiċħdu dan, u jgħidu li, fi bnadi minnu, l-passaġġ jidjieq u l-inġenji ma jgħaddux. Dan il-fatt jikkonfermah il-bidwi li jieħu ħsieb ir-raba' mqabbel għand Ellul, kif ukoll xi bdiewa oħra li jeffrekwentaw r-raba' f'dawk l-inħawi[27];

Illi minn kejl li ħadet il-Qorti waqt aċċess li żammet fuq il-post, jirriżulta li l-isqaq pubbliku jidjieq f'parti minnu għall-wisgħa ta' żewġ metri u erbgħin ċentimetri (2.4m) u wkoll żewġ metri u tletin ċentimetri (2.3m)[28];

Illi fl-14 ta' Awwissu, 2007[29], Spiteri bagħtu ittra uffiċjali lil Ellul biex jinterpellawhom ma jirfsux aktar fuq ir-raba' mqabbel lill-mittenti u biex

---

[19] Ara l-affidavit ta' Maria Grazia Spiteri f'paġ. 23 tal-proċess. Ara x-xhieda mogħtija minn Maria Grazia Spiteri fil-kontro-eżami f'paġ. 494 fejn tikkonferma li l-passaġġ li Ellul beda jgħaddi minnu huwa dak li jidher fid-Dok "CE2" f'paġ. 433 tal-proċess
[20] Ara x-xhieda ta' Karmenu Ellul f'paġ. 510 tal-proċess
[21] Ara Dokti. "CE" sa "CE2" f'paġġ. 433 – 5 tal-proċess. Il-passaġġ huwa dak immarkat bi vleġeġ ħomor
[22] Ara l-affidavit ta' Fortunato Dalli f'paġġ. 452 – 3 tal-proċess, l-affidavit ta' Anthony Polidano f'paġp. 456 – 7 tal-proċess; u l-affidavit ta' Ludovico Vella f'paġġ. 460 – 1 tal-proċess
[23] Ċit. Nru. 1846/99 DS
[24] Paġ. 308A tal-proċess
[25] Paġ. 55 tal-proċess
[26] Ara l-affidavit ta' Maria Grazia Spiteri f'paġ. 24 tal-proċess u x-xhieda mogħtija minn Spiteri fil-kontro-eżami f'paġ. 503 tal-proċess
[27] Ara l-affidavit ta' Rokku Żahra f'paġ. 485 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda mogħtija minn Żahra f'paġġ. 543 – 4 tal-proċess. Ara l-affidavit ta' Anthony Polidano f'paġ. 456 tal-proċess u ta' Joshua Cachia f'paġġ. 454 – 5 tal-proċess
[28] Ara paġ. 607 tal-proċess

jidħlu għar-raba' mqabbel lilhom minn band'oħra jew minn mogħdija miftehma bejniethom;

Illi l-kawża nfetħet fit-12 ta' Ġunju, 2009;

Illi wara li nfetħet il-kawża, għall-ħabta ta' Mejju tal-2010, Ellul għadda r-raba' mqabbel lilu lit-tliet uliedu, l-imsejħin fil-kawża[30];

Illi għar-rigward tal-konsiderazzjonijiet ta' xejra legali marbutin mal-każ, il-Qorti sejra tibda biex tqis l-eċċezzjonijiet preliminari mressqa mill-imħarrkin. **L-ewwel eċċezzjoni preliminari** hija dik li l-ġudizzju mhux sħiħ billi fil-kawża ma ssejjaħx l-Uffiċju Konġunt, li huwa s-sid tal-art mertu tal-kawża. Jisħqu li l-atturi qed jitolbu li tiġi stabbilita servitu' ġdida fuq art li, fl-aħħar mill-aħħar, mhix tagħhom u dan ma jistax isir mingħajr ma s-sid tal-ġid li fuqu se tinħalaq dik is-servitu' jkun huwa wkoll parti fil-kawża[31];

Illi Spiteri jilqgħu għal din l-eċċezzjoni billi jgħidu li s-sid tar-raba' ma għandux għalfejn ikun parti f'din il-kawża, meta wieħed iqis l-għamla ta' azzjoni mressqa minnhom;

Illi kif ingħad mill-Qrati tagħna, bdiewa li jiftehmu bejniehom dwar l-użu tar-raba' jew jilħqu ftehim ieħor li jinkludi jeddijiet personali bħalma huwa l-jedd ta' mogħdija, għandhom jingħataw għarfien mill-Qrati. Dan jingħad għaliex, għalkemm ftehim bħal dak bejn gabillotti li ma jkunux sidien tal-istess raba' ma joħloqx servitu'[32], joħloq bejniethom rabtiet li jiġbdu fuqhom il-ħarsien tal-liġi, sakemm il-qagħda tibqa' titlob it-tħaddim ta' ftehim bħal dak[33]. Dawn il-ftehim huma biżżejjed biex sempliċi gabillott jikseb il-leġittimazzjoni attiva u passiva f'kawża li tirrigwarda kwestjoni dwar "servitu" bħal din, bla ma s-sid għandu għalfejn ikun parti fil-kawża[34]. Jista' jkun li ftehim bħal dak jingħaraf u jkun rispettat ukoll mis-sid, sakemm ma jkunx jippreġudika d-drittijiet tiegħu jew ma jkunx bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-kuntratti tal-kirja, għaliex ingħad li ftehim bħal dak "*non inhaeret praedio*" u "*non ambulat cum dominio*"[35], għaliex joħolqu biss obbligazzjonijiet personali li ma jorbtux lis-sid tal-art[36] u jissejsu fuq is-saħħa tar-regola tat-tgawdija bil-kwiet tal-ħaġa (mikrija) minn min ikun iżommha[37];

---

[29] Dok "S3", f'paġ. 7 tal-proċess
[30] Xhieda ta' Frank Mizzi f'paġ. 417 tal-proċess
[31] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet tal-imħarrkin f'paġ. 599 tal-proċess
[32] App. Ċiv. **29.11.1948** fil-kawża fl-ismijiet ***Galea utrinque*** (Kollez. Vol: **XXXIII.i.361**)
[33] P.A. PS **28.1.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***John Aquilina et vs Charles Gauċi et*** (mhix appellata)
[34] App. Ċiv. **30.11.1956** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech vs Buttiġieġ et*** (Kollez. Vol: **XL.i.358**)
[35] App. Ċiv. **10.10.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Bartolo vs Vella*** (Kollez. Vol. **XLII.i.471)** li kienet tirrigwarda servitu' personali ta' sieqja
[36] App. Inf. PS **20.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Connie Cacciottolo vs Silvio Bonniċi et***
[37] Ara, b'eżempju, App. Ċiv. **30.9.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***David Theuma et vs Ġużeppi Spiteri et*** u App. Ċiv. **27.2.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmel Scicluna et vs Anġlu Scicluna et***

Illi għaldaqstant il-preżenza tas-sid f'kawża ta' din in-natura ma tidhirx li hija meħtieġa sakemm ma jiġix ippruvat (ħaġa li ma seħħitx f'din il-kawża) li dak li qed jitolbu Spiteri sejjer jippreġudika d-drittijiet tal-Uffiċju Konġunt. Ħareġ wkoll mix-xhieda mogħtija minn rappreżentat tad-Dipartiment tal-Artijiet, illi l-Gvern, li huwa s-sid tar-raba' qabel ma għadda għand l-Uffiċju Konġunt, ma jidħolx fil-kwestjonijiet marbuta ma' mogħdijiet jew passaġġi li jinqalgħu bejn il-bdiewa li lilhom ikun imqabbel dak ir-raba'. Dawn l-arranġamenti jiftehmu dwarhom il-bdiewa, tant li l-Gvern ma jżommx rendikont fejn huma l-mogħdijiet li jintużaw mill-bdiewa li lilhom jitqabbel ir-raba'[38];

Illi għaldaqstant din l-ewwel eċċezzjoni preliminari mhijiex tajba u mhux se' tintlaqa';

Illi bi**r-raba' eċċezzjoni preliminari** tagħhom Ellul iqajmu l-kwestjoni li l-azzjoni attriċi waqgħet għaliex laħaq għadda ż-żmien li fih messha tressqet. Huma jibnu l-każ tagħhom fuq l-artikolu 2143 tal-Kodiċi Ċivili li jmewwet kull possibilità ta' azzjoni reali jew personali bid-dekors ta' tletin (30) sena. Jgħidu li ladarba għaddew tletin sena minn meta l-atturi setgħu fetħu proċeduri kontra tagħhom, il-jedd tagħhom li jagħmlu dan illum imtemm[39];

Illi Spiteri jwarrbu din l-eċċezzjoni u jgħidu li, fl-ewwel lok, ma huwiex minnu li kien għaddej xi żmien ta' preskrizzjoni favur Ellul, ladarba Spiteri ilhom jieqfu għall-jedd tal-mogħdija pretiż mill-imħarrkin sa minn bosta snin ilu u ladarba Ellul huma l-gabillotti tar-raba'; fit-tieni lok, jgħidu li jekk kemm-il darba kien għaddej xi żmien ta' preskrizzjoni, dan mhuwiex dak imsemmi fl-eċċezzjoni, imma ż-żmien tal-erbgħin (40) sena maħsub fl-artikolu 2144 tal-Kodiċi Ċivili ladarba r-raba', fiż-żmien, kien raba' li jmiss lill-Knisja f'Malta;

Illi skond dak li jitlob l-arikolu 2143 tal-Kodici Ċivili, il-preskrizzjoni tista' tkun kemm akkwiżittiva kif ukoll estintiva[40], din ta' l-aħħar, kemm-il darba tkun tgħodd, iġġib magħha t-telf ta' kwalunkwe azzjoni illi seta' kellhom l-atturi;

Illi minħabba li f'din il-kawza, il-preskrizzjoni mressqa minn Ellul hija waħda estintiva tal-azzjoni attriċi, jidħol fis-seħħ il-prinċipju li ż-żmien preskrittiv jgħaddi biss minn dak inhar li jkun tnissel id-dritt jew setghet tinbeda l-azzjoni meqjusa biex tħares dak id-dritt. Ghaldaqstant l-artikolu 2143 tal-Kodici Civili għandu jinqara wkoll fid-dawl tal-artikolu 2137 tal-istess Kodici li jghid li l-preskrizzjoni tibda tiddekorri minn meta l-azzjoni tkun setghet saret.

[38] Paġ. 382 tal-proċess
[39] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet tal-imħarrkin f'paġ. 603 tal-proċess
[40] App. Ċiv. **23.11.1962** fil-kawża fl-ismijiet ***Azzopardi noe vs Farruġia*** (Kollez. Vol: **XLVI.i.381**)

Il-ħarsien ta' din ir-regola hi waħda bażika, tant li huwa mgħallem illi l-impossibilità li wieħed jaġixxi trid tkun impossibilità indipendenti mir-rieda ta' dak li jkun, ġejja minn kawża barranija għalih u li huwa ma setax iwarrab[41];

Illi dan il-prinċipju huwa mibni fuq il-massima li *actioni non natae non praescribitur.* L-awturi Baudry-Lacantinerie u Tissier f'dan ir-rigward jgħallmu li "*Quanto alla prescrizione estintiva, il suo corso comincia in principio a partire dal giorno in cui é nato il diritto o l'azione che é destinata ad estinguere..."*[42]. Iżjed 'il quddiem iżidu jgħidu illi *"La prescrizione estintiva in materia di diritti eventuali non decorre evidentemente se non dopo il verificarsi dell'evento che fa nascere il diritto rimasto fin allora puramente eventuale*"[43];

Illi, hu x'inhu l-għan tal-preskrizzjoni invokata mill-parti mħarrka, jaqa' dejjem fuq il-Qorti li tqis minn liema data tali preskrizzjoni bdiet għaddejja, u l-eċċezzjoni għandha tiġi miċħuda jekk mill-provi mressqin jew mill-atti tal-proċess dik id-data ma tkunx tista' tiġi stabilita[44];

Illi fl-affidavit tagħha, l-attriċi tistqarr li kien ilha tieħu ħsieb ir-raba' flimkien ma' żewġha sa qabel ma wirtet ir-raba' mingħand zijitha, Marianna Buġeja. Mill-kotba tal-kera jirriżulta li Marianna Buġeja l-aħħar darba li ħallset il-kera f'isimha kien fis-6 ta' Ġunju, 1983, u l-irċevuta ta' wara, jiġifieri dik tal-5 ta' Ottubru, 1984, inħarġet f'isem Grace Spiteri, l-attriċi[45]. Tgħid ukoll li zijuha, Salvu Buġeja, miet qabel martu, Marianna, u tiftakar liz-zijiet tagħha jdawru biċċtejn mir-raba' tagħhom għal fuq Ellul[46]. Dan kien qrib l-1958 għaliex mill-irċevuta tal-ħlas ta' kera, jirriżulta li Ellul daħal fil-qbiela minflok ħatnu, Franġisk Buġeja, fit-13 ta' April, 1958[47]. Dak iż-żmien l-attriċi kellha 13-il sena. L-attriċi ttenni tgħid li, għall-bidu, l-imħarrek kien jgħaddi mill-passaġġ (pubbliku) bħall-bdiewa l-oħra, iżda wara ftit ħoloq passaġġ għalih minn fuq ir-raba' mqabbel għandhom;

Illi jekk il-preċedessuri tal-attriċi ma laqgħux Ellul milli jibqgħu jgħaddu minn fuq ir-raba' mqabbla għandhom, Spiteri setgħet tagħmel xi ħaġa dwar din is-sitwazzjoni ta' l-anqas minn meta r-raba' dar għal fuqha, jiġifieri fil-5 ta' Ottubru, 1984. Il-kawża, min-naħa l-oħra, nfetħet fis-16 ta' Ottubru, 2009, ħamsa u għoxrin sena wara. Dan ifisser li ma laħqux għaddew it-tletin sena li Ellul isejsu l-eċċezzjoni tagħhom fuqha u, għaldaqstant, l-azzjoni attriċi mhix preskritta biż-żmien minnhom eċċepit. Min-naħa l-oħra, ladarba Ellul

---

[41] App. Kumm. **15.2.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Attard vs Fenech*** (Kollez. Vol: **XLIX.i. 500**)
[42] cfr. <u>*Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile: Della Prescrizione*</u> Cap XII, §364 pag. 279).
[43] *Op. cit.* (§393 *bis*, pag 306)
[44] App. Civili **5.4.1993**, fil-kawża fl-ismijiiet ***Quintano vs Calleja et*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.269**)
[45] Dok. "MGS2" f'paġġ. 42-42 tal-proċess
[46] Ara affidavit tagħha f'paġ. 23 tal-proċess
[47] Ara Dok. "Z" f'paġ. 108 tal-proċess

huma gabilotti u għalhekk ma jżommux ir-raba' bħala tagħhom infushom, il-preskrizzjoni ma timxix[48], lanqas dwar dak il-jedd li Spiteri jgawdu fuq il-ħaġa mqabbla lilhom ukoll, kif aktar 'il fuq imfisser fl-istħarriġ tal-eċċezzjoni ta' qabel din;

Illi, fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti sejra tiċħad ukoll ir-raba' eċċezzjoni preliminari bħala mhux mistħoqqa;

Illi l-Qorti se tgħaddi biex tistħarreġ il-**ħames eċċezzjoni** bħala l-aħħar eċċezzjoni preliminari. B'din l-eċċezzjoni, Ellul jeċepixxu l-intempestività tal-azzjoni attriċi. Ellul jgħidu li huma dejjem fittxew li jaslu fi ftehim bil-kwiet ma' Spiteri, iżda l-atturi għażlu li jipproċedu minnufih fil-ftuħ ta' din il-kawża mingħajr ma qabel imqar ressqu proposta ta' ftehim;

Illi dwar din l-eċċezzjoni Spiteri ma ressqu l-ebda sottomissjoni;

Illi xieraq jingħad li f'eċċezzjoni bħal din, li hija ta' għamla dilatorja, il-piż tal-prova jaqa' fuq l-imħarrkin li jikkonvinċu lill-Qorti li l-azzjoni ma saritx f'waqtha u dan fuq il-massima li *reus inexcipiendo fit actor*. Huma meħtieġa l-istess provi fi grad tali li ssoltu jaqa' fuq attur dwar il-pretensjonijiet tiegħu[49]. Minbarra dan, minħabba li l-effett ta' eżitu favorevoli għal eċċezzjoni ta' intempestività huwa dak li jeħles lill-parti mħarrka milli tibqa' iżjed fil-kawża, bil-jedd tal-parti attriċi li terġa' tibda proċedura meta jgħaddi t-terminu li kien ingħata, l-eċċezzjoni trid tintlaqa' meta tassew tkun pruvata u dan fuq il-massima li azzjoni tiġi salvata jekk dan huwa possibbli;

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, Ellul ma seħħilhomx jippruvaw li tabilħaqq ittantaw jaslu fi ftehim bonarju ma' Spiteri f'xi waqt qabel ma nfetħet din il-kawża. Ma tressqet ebda korrispondenza jew dokument ieħor li jixhed dan. Fin-nuqqas, u minħabba l-konsegwenzi li din l-eċċezzjoni ġġib magħha kemm-il darba kellha tintlaqa', il-Qorti mhix sejra tilqagħha;

Illi jmiss li l-Qorti tqis **it-talbiet attriċi fil-mertu**. Spiteri jitolbu li l-Qorti ssib li Ellul ma jgawdu ebda jedd ta' mogħdija mir-raba' mqabbel għandhom jekk mhux minn dik il-parrti tar-raba' miżbugħa bil-lewn ikħal fuq il-pjanta mehmuża mar-Rikors Maħluf (l-ewwel tliet talbiet). Hemm talbiet ukoll għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni li huma jgħidu li ġarrbu minħabba l-mod kif Ellul jippretendu li għandhom jidħlu għar-raba' mqabbel lilhom (ir-raba', il-ħames u s-sitt talbiet attriċi);

[48] Art. 2118 tal-Kap 16
[49] Ara P.A. **18.2.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Ricci vs Latzen*** (Kollez. Vol: **XLIX.ii.745**)

Illi fis-sottomissjonijiet tagħhom, Spiteri jgħidu li Ellul ma ressqu ebda prova ta' titolu għall-jedd ta' mogħdija. Jgħidu wkoll li l-ebda titolu ma nħalaq favur l-istess Ellul bil-fatt li għadda ż-żmien minn mindu bdew jinqdew bil-mogħdija li taqsam min-nofs ir-raba' mqabbel lil Spiteri;

Illi l-Qorti tibda biex tgħid li r-raba' mqabbel lil Ellul huwa magħluq minn kullimkien b'raba' mqabbel lil ħaddieħor – fil-biċċa l-kbira mir-raba' mqabbel lil Spiteri – bla ma għandu dħul dirett minn xi mogħdija jew triq pubblika. Fit-tieni lok, ittenni li l-għamla ta' kwestjoni mhijiex dwar l-eżistenza ta' servitu' vera u proprja jew taċ-ċaħda tagħha: din la hija l-azzjoni negatorja u lanqas l-azzjoni konfessorja, u dan minħabba li ħadd mill-partijiet ma huwa u la s-sid tal-"fond serventi" u lanqas tal-"fond dominanti". Fit-tielet lok, id-deċiżjoni li trid tasal għaliha l-Qorti mhijiex dik li tistabilixxi servitu', imma li "tiddetermina u tiddelinea" minn fejn Ellul għandhom jgħaddu biex jidħlu għar-raba' mqabbel lilhom. Din hija talba magħmula minn Spiteri nfushom (it-tieni talba attriċi), u għalhekk l-argumenti tagħhom dwar jekk Ellul għandhomx jew le xi jedd ta' mogħdija ma humiex ta' għajnuna u ta' fejda għall-ħall tal-kwestjoni[50]. Fir-raba' lok, id-determinazzjoni tal-aċċess għar-raba' mqabbel lil Ellul hija meħtieġa għaliex maħsuba li ttemm l-għażla arbitrarja u mhux regolata li Spiteri jgħidu li Ellul ħadu b'idejhom li jaqbdu u jgħaddu min-nofs ir-raba' mqabbel lilhom bil-ħsara li dan kien iġib miegħu lill-uċuħ miżrugħa u mkabbra f'dawk l-imkejjen;

Illi għalkemm din mhijiex xi waħda mill-azzjonijiet petitorji marbuta mas-servitu' – l-azzjoni konfessorja jew l-azzjoni negatorja – ladarba l-partijiet mhumiex is-sidien tal-art milquta bil-kwestjoni, il-Qorti hija tal-fehma sħiħa li għandha tinqeda kemm jista' bir-regoli maħsuba mil-liġi għas-servitujiet mhux kontinwi u li għall-użu tagħhom huwa meħtieġ fil-waqt il-fatt tal-bniedem[51], sewwasew minħabba li hawnhekk il-qofol tal-kwestjoni huwa l-jedd tal-mogħdija;

Illi tali servitu' ma tistax tiġi stabbilita billi jkun għadda ż-żmien li tkun ilha tintuża, iżda b'saħħa ta' titolu[52];

Illi mill-provi mressqa f'din il-kawża, Ellul jittantaw jibnu l-każ tagħhom sewwasew fuq kemm jgħidu li għadda żmien minn mindu nqdew bil-mogħdija kontestata minn Spiteri. Fil-fatt, ma tressqet ebda prova li turi kif il-jedd ta' mogħdija vantat minn Ellul seta' nħoloq b'xi titolu tajjeb magħruf mill-liġi. Wieħed iżomm quddiem għajnejh ukoll li r-raba' llum imqabbel lil Ellul kien, f'xi żmien, jagħmel minn qasam akbar ta' raba' mqabbel lill-awtur fil-jedd

---

[50] Ara App. Ċiv. **27.9.2019** fil-kawża fl-ismijiet ***Raymond Gauċi et vs Peter Vella et*** li wkoll titkellem dwar kwestjoni ta' aċċess minn raba' mqabbel
[51] Art. 455(3) tal-Kap. 16
[52] Art. 469 (1) tal-Kap. 16. Ara wkoll App Ċiv. **11.5.2015** fl-ismijiet ***Etienne Jeanne Formosa vs Anton Piscopo et***

ta’ Spiteri u għalhekk ma kinitx tqum il-kwestjoni ta’ mnejn wieħed jaċċedi għall-ħbula diversi ta’ dak il-qasam raba’;

Illi, min-naħa l-oħra, ma hemm l-ebda dubju li Ellul jinqdew bir-raba’ mqabbel lilhom (u llum trasferit favur l-imsejħin fil-kawża wliedhom) u l-jedd li b’xi mod huma jkollhom aċċess għal dak ir-raba’ ma jista’ jlumu ħadd;

Illi sa mill-bidunett tal-kawża, Spiteri jindikaw (ara t-tielet premessa tar-Rikors Maħluf u l-ewwel talba attriċi) mnejn ikun xieraq li Ellul jgħaddu biex jidħlu għar-raba’ mqabbel lilhom. Skond l-atturi, dan ikun tal-anqas ħsara għall-jeddijiet tagħhom fuq ir-raba’ mqabbel lilhom. Mill-provi mressqa, l-atturi jisħqu li Ellul imisshom jinqdew bil-mogħdija (msejħa “*Vicolo*”) li jużaw bdiewa ta’ oqsma oħrajn tar-raba’ li ddur min-naħa tax-xlokk-il-lvant u mbagħad tiġbed lejn il-grigal (mar-raba’ msejjaħ “*Ta’ Germau*”) biex b’hekk jidħlu għar-raba’ mqabbel lilhom minn fuq medda qasira ħafna tar-raba’ mqabbel lil Spiteri mill-majjistral;

Illi min-naħa tagħhom, Ellul jibqgħu jisħqu li l-jedd tagħhom għall-mogħdija għar-raba’ mqabbel lilhom huwa dak li dwaru fetħu l-kawża tal-ispoll. Dwar dan baqgħu konsistenti tul il-mixi kollu tal-kawża. Jgħidu li l-mogħdija li jipproponu Spiteri mhijiex wiesgħa biżżejjed (f’xi bnadi) biex minnha jistgħu jgħaddu l-inġenji mekkaniżżati meħtieġa għall-ħrit tar-raba’ u l-ħsad u d-dris tal-uċuħ;

Illi l-Qorti tibda biex tgħid li Ellul ma jistgħux iqisu li l-kawża ta’ spoll li fetħu kontra Spiteri jew is-sentenza hemm mogħtija għandha tagħtihom il-jedd li jippretendu huma. Dik is-sentenza kienet waħda ta’ xejra possessorja u (b’mod partikolari fis-sentenza mogħtija fi grad tal-appell) kienet għamlitha ċara li dik il-kawża ma kellhiex tiddetermina xi “dritt” ta’ Ellul għal mogħdija minn fuq ir-raba’ mqabbel lil Spiteri. Minbarra dan, għalkemm Ellul ippruvaw juru li, għal xi żmien, huma u ’l dawk li qabbdu biex jgħinuhom, kienu jgħaddu minn bnadi partikolari mir-raba’ mqabbel lil Spiteri biex jidħlu fir-raba’ mqabbel lilhom, ma jwassalx b’daqshekk biss li jinħoloq favur tagħhom xi jedd eżegwibbli ta’ mogħdija minn fejn jidhrilhom huma;

Illi fiċ-ċirkostanza li r-raba’ mqabbel lil Ellul jinsab magħluq u mdawwar minn kullimkien b’raba’ f’idejn ħaddieħor u mingħajr aċċess dirett għal triq jew mogħdija pubblika, ikun xieraq li jitħaddmu r-regoli tal-liġi li (fil-każ ta’ servitu’ predjali) jgħoddu għal każ bħal dan. Illi biex fond jitqies li jinsab magħluq minn kullimkien, l-interkjużura m’hemmx għalfejn tkun waħda assoluta, u interkjużura relattiva tagħti lok għal servitu’ ta’ passaġġ neċessarju, bħal meta mogħdija li tagħti għal fuq it-triq pubblika titqies perikoluża jew li

toffri diffikultà ta' aċċess[53], jew fejn l-allinjament ta' kwalsiasi triq jista' jimpedixxi aċċess dirett għal fuq dik it-triq għal raġunijiet ta' sigurtà ta' aċċess speċjalment fejn ikun hemm liwjiet perikolużi fl-istess triq[54]. Minbarra dan, jaqa' fuq il-parti mħarrka li turi bħala kwestjoni ta' fatt li l-fond tagħha jinsab magħluq minn kullimkien u li ma għandux aċċess għal triq pubblika[55]. Fuq kollox, biex l-interkjużura tagħti lok għall-jedd ta' mogħdija minn fuq fond li jmiss miegħu, jeħtieġ li dik l-interkjużura tkun l-effett ta' ġrajja indipendenti mir-rieda tas-sid tal-fond li jsir hekk magħluq minn kullimkien[56];

Illi l-Qorti tqis li Ellul jippretendu li d-dħul għar-raba' mqabbel lilhom għandu jaqsam mir-raba' mqabbel lil Spiteri. Intwera li, biex isir dan, tittieħed firxa sostanzjali tar-raba' ta' Spiteri li jkun irid jitħalla żdingat jew mitluq jew, jekk jinħadem, l-uċuħ iġarrbu ħsara minħabba l-inġenji li jidħlu għar-raba' mqabbel lil Ellul[57]. Intwera wkoll[58] li Ellul fetħu iżjed minn fetħa waħda fil-ħitan li jifirdu r-raba' tagħhom minn dak imqabbel lil Spiteri għar-raba' mqabbel lilhom b'mod li, wara li jsir l-aċċess b'xi inġenji, Ellul jgħid li kien jagħlaq mill-ġdid dawk il-fetħiet b'ġebel imdaqqas jew tankijiet tal-metall[59]. Ħaġa bħal din tixhed kemm l-inċertezza tal-"jedd" pretiż minn Ellul u kif ukoll il-ksur tar-regola li l-aċċess għandu jkun tal-anqas ħsara għar-raba' li minn fuqu jsir. Fit-tielet lok, mill-aċċess miżmum mill-Qorti ħareġ li l-mogħdija li hemm madwar ir-raba' u li tidher li ilha stabbilita sa minn żmien ilu, tista' tagħti aċċess xieraq lil Ellul bħalma tagħti lil bdiewa oħrajn f'dawk l-inħawi, wkoll meta jkun meħtieġ l-użu ta' inġenji ta' ċertu kobor[60]. Fir-raba' lok, dik il-mogħdija tipprovdi lil Ellul bi dħul xieraq għar-raba' mqabbel lilhom bl-anqas irfis fuq ir-raba' mqabbel lil Spiteri, ukoll jekk, biex isir dan, jitlob dawra itwal;

Illi l-Qorti, għalhekk, tasal għall-fehma li **l-ewwel talba** attriċi għandha tintlaqa'. Għall-finijiet tat-**tieni talba attriċi**, il-Qorti ssib li l-mogħdija li Ellul għandhom jgħaddu minnha bir-riġel u bl-inġenji biex jidħlu għar-raba' mqabbel lilhom tinsab f'dik il-parti, fil-biċċa l-kbira tagħha mogħdija pubblika, li ġiet identifikata minn Spiteri b'lewn ikħal fuq il-pjanta dokument "S2"[61] (li hija kopja bl-ilwien tad-dokument "S1" imressaq mar-rikors promotur);

Illi ladarba l-Qorti waslet għal dawn il-fehmiet dwar l-ewwel żewġ talbiet attriċi, jiġi li t-**tielet talba** ta' Spiteri għandha tintlaqa' wkoll. Għalhekk, Ellul ma għandhomx jgħaddu biex jidħlu għar-raba' mqabbel lilhom minn fuq

---

[53] Maġ (Għ) AE **20.3.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Wilfred Camilleri et vs Carmelo Muscat noe*** (mhix appellata)
[54] App. Ċiv. **30.1.1956** fil-kawża fl-ismijiet ***Caruana vs Davies*** (Kollez. Vol: **XL.i.34**)
[55] App. Ċiv. **15.12.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael Cassar vs Wenzu Schembri***
[56] App. Ċiv. **13.4.1951** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Grech*** (Kollez. Vol: **XXXV.i.66)**
[57] Ara Dokti "S3", "MS1" sa "MS3" f'paġġ 316 u 425 – 7 tal-proċess
[58] Ara Dokti "MGSK1" sa "MGSK4", f'paġġ. 482 – 5 tal-proċess
[59] Ara Dokti "SG" sa "SG2", f'paġġ. 513 – 5 tal-proċess
[60] Ara Dokti "S1" u "S2" f'paġġ. 314 – 5 tal-proċess
[61] Paġ. 329 tal-proċess

ir-raba' mqabbel lil Spiteri, jekk mhux f'dik il-parti msemmija fit-tieni talba attriċi;

Illi fit-**talbiet attriċi l-oħrajn** Spiteri jippretendu li ġarrbu ħsara minħabba l-użu min-naħa ta' Ellul biex jidħlu għar-raba' mqabbel lilhom u biex Ellul jagħmlu tajjeb għal dik il-ħsara;

Illi l-Qorti tqis li Spiteri naqsu għal kollox milli jwettqu din il-parti tal-obbligu fil-kawża mibdija minnhom. Baqgħu ma ressqu qatt, fiż-żmien kollu li l-kawża kienet miexja, mqar prospett li juri x'kienu l-ħsarat li jgħidu li ġarrbu huma bil-fatt li Ellul kienu jidħlu għar-raba' mqabbel lilhom mill-mogħdija li taqsam mir-raba' tal-atturi. Il-wiri waħdu ta' ritratti li juru wċuħ mirfusa, ma jipprovawx id-dannu mġarrab. Dik il-prova riedet titressaq bil-mod xieraq. Lanqas ma huwa mogħti lil Spiteri li, fost id-danni li jgħidu li ġarrbu, din il-Qorti tqis l-ispejjeż li weħlu fil-kawża tal-ispoll li kienu fetħulhom Ellul;

Illi l-Qorti tqis ukoll li jidher li Spiteri jippretendu li ġarrbu ħsara mill-użu tal-mogħdija li dwarha Ellul kienu fetħu l-azzjoni ta' spoll kontra l-istess Spiteri. Ukoll jekk ma kellhomx jedd ta' mogħdija, Ellul għandhom sentenza favurihom li kienet tawtorizzżahom ikunu integrati fil-pussess ta' dik il-mogħdija sakemm il-kwestjoni tkun definita fuq livell lil hinn minn dak ta' azzjoni possessorja. Mela, Spiteri ma jistgħux jilmentaw minn dannu minn użu li mhux bi ksur ta' liġi. Spiteri ma wrewx li Ellul inqdew b'mogħdija oħra minn dik li dwarha ngħatat is-sentenza ta' spoll;

Illi Spiteri lanqas ma jistgħu jinħbew wara l-iskuża li d-danni kienu jkunu pruvati li kieku l-Qorti laqgħet it-talba tagħhom biex taħtar perit ħalli jillikwida d-dannu mġarrab. Fl-ewwel lok, l-ebda waħda mit-talbiet attriċi ma ssemmi l-ħatra ta' perit. Fit-tieni lok, il-ħatra ta' perit ma ssarrafx fi prova tad-dannu mġarrab jew pretiż. Fit-tielet lok, kemm damet miexja l-kawża ma saret l-ebda dikjarazzjoni li t-tressiq tal-provi kellu jkun limitat għal xi wħud biss mit-talbiet attriċi, imma l-provi kellhom jitressqu dwar it-talbiet kollha: sa ma ngħalqu l-provi, ma kienu tressqu l-ebda provi dwar id-dannu pretiż minn Spiteri. F'ċirkostanzi bħal dawn, għalhekk, il-Qorti trid tħaddem ir-regola li *actore non probante reus absolvit* f'dan ir-rigward u ssib li ma tistax tilqa' t-talbiet marbuta mal-kwestjoni tad-danni mġarrba minħabba li dawn ma ġewx ippruvati bl-ebda mod;

Illi għalhekk, il-Qorti mhijiex sejra tilqa' **l-ħames u s-sitt talbiet attriċi**. Madankollu, sejra tagħmel dikjarazzjoni fil-parti dispożittiva tas-sentenza biex tindirizza **r-raba' talba attriċi,** ladarba u safejn jirriżulta li Ellul qegħdin jinqdew mill-mogħdija sa issa bis-saħħa tas-sentenza li għarfet il-pussess tagħhom dwar dan;

Illi, mill-bqija, l-**eċċezzjonijiet fil-mertu** ta' Ellul ukoll mhumiex mistħoqqa;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib li l-imħarrkin ma jgawdu ebda jedd ta' mogħdija mir-raba' mqabbel għand l-atturi fil-kuntrada "*ta' Farfar*" *sive* "*ta' Ħlantun*", fil-limiti taż-Żurrieq, jekk mhux mit-triq fir-raba' mberfla bil-lewn ikħal fil-pjanta dokument "S2" f'paġna tliet mija u disgħa u għoxrin (329) tal-proċess;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tiddetermina l-mogħdija li l-imħarrkin għandhom jgħaddu minnha biex jidħlu għar-raba' mqabbel lilhom fl-imsemmi qasam bħala dak imsemmi fit-tieni talba attriċi;

**Tilqa' it-tielet talba attriċi** u tordna lill-imħarrkin sabiex ma jgħaddux mir-raba' mqabbel għand l-atturi jekk mhux bil-mod imsemmi fit-talbiet ta' qabel din;

**Tipprovdi dwar ir-raba' talba attriċi** billi tgħid li safejn l-imħarrkin inqdew sa issa mill-mogħdija li fuqha kellhom pussess, ma jistax jingħad li huma jaħtu għal xi danni talli nqdew b'jedd mogħti lilhom b'sentenza li għarfet tali pussess u liema sentenza għaddiet f'ġudikat;

**Tiċħad il-ħames u s-sitt talbiet attriċi**, fuq nuqqas ta' provi;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet** tal-imħarrkin bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt; u

**Tordna** lil imħarrkin iħallsu l-**ispejjeż tal-kawża** marbuta mal-ewwel tliet talbiet, filwaqt li l-atturi jerfgħu l-ispejjeż marbuta mat-talbiet l-oħrajn.

**Moqrija.**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**11 ta' Ġunju, 2020**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**11 ta' Ġunju, 2020**